MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2011

Numru. 1010/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Carlos Frias Mateo ta' 47 sena, bin Rumando Frias u Altagracia Mateo, imwieled La Romana fir-Repubblika Domenikana, fl-4 ta' Novembru 1963, residenti f'Mijnsherenlaan, 177 B, 3081GM, Rotterdam, l-Olanda u detentur ta' passaport Olandiz bin-numru NJ0526335 u karta ta'l-identita' Olandiza bin-numru IUCH8H9L4 kif ukoll karta ta'l-identita' tar-Repubblika Domenikana bin-numru 026-0100305-2.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha l-imputat Carlos Frias Mateo gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta'

Settembru 2009 jew fil-gurnata ta' qabel ghamel att ta' *money laundering*:

i. ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta' meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kirminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta'l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita kriminali u/jew
ii. heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali u/jew
iii. akkwista proprjeta meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali, u/jew
iv. irritjena minghajr skuza ragjonevoli proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew
v. ittenta jaghmel hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

kif ukoll talli fis-26 ta' Settembru 2009 gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fil-Gudja, waqt li kien ha jitlaq minn Malta lejn Brussels fuq titjira KM420, naqas milli jiddikjara li kellu fil-pussess tieghu aktar minn ghaxart elef ewro (€10,000) jew ekwivalenti lill-Kontrollur tad-Dwana.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esbieti,

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali tad-19 ta' April 2011 mahrug ai termini tas-subartikolu 2A(b)(c) ta'l-Artikolu 3

tal-Att Kontra l-Money Laudering (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-kunsens ta'l-Avukat Generali tas-27 ta' Settembru 2009 sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta'l-imputat ai termini tar-Regolament 3(6) tar-regolamenti Dwar il-Kontroll ta' Flus (Avviz Legali 149/07)

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat:

Illi dan il-process kriminali fil-konfront ta'l-imputat kellu l-bidu tieghu meta l-imputat inqabad hiereg minn Malta fuq titjira lejn Brussell b'ammont sostanzjali ta' flus mhux iddikjarati. Fil-fatt meta l-imputat gie mizmum mill-Ufficjali tad-Dwana gewwa l-Ajruport Internazzjoni ta' Malta hekk kif kien ser jembarka fuq it-titjira tieghu, l-imputat stqarr illi kellu fuqu l-ammont ta' €6110. Izda meta imbaghad saret tfittxija fuq il-persuna tieghu kif ukoll fil-bagalja, instab illi b'kollox l-imputat kellu fil-pussess tieghu s-somma ta' €18120. Irrizulta illi l-ammont ta' €5000 instabu fil-but tal-qalziet ta'l-imputat, €7000 ohra kienu mgezwra qalb il-hwejjeg fil-hand luggage u €10 instabu fil-kartiera tieghu. Illi minn hawn skattat l-investigazzjoni mill-pulizija mhux biss in konnessjoni mar-reat ikkontemplat taht ir-Regolamenti Dwar il-Kontroll ta' Flus, izda ukoll fuq possibilta' illi l-imputat seta' kien implikat f'komplicita' fi traffikar ta' droga. Kwindi il-pulizija bdiet timxi fuq is-suspett illi l-imputat seta' kien qed jikkometti r-reat tal-hasil tal-flus meta huwa ipprova johrog l-ammont indikat minn Malta. Dana sehh peress illi gurnata qabel il-pulizija kienet intercettat zewg persuni mir-Repubblika Domenikana, certu Carlos Manwel Martina u Andrea Margerita li dahhlu Malta b'erba mitt gramma kokajina. Fil-fatt Martina kien sussegwentment tressaq l-Qorti fuq akkuzi ta' traffikar ta' droga u ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.[1] Il-pulizija mill-investigazzjonijiet taghhom

[1] Ara xhieda ta'l-Ispettur Johann J. Fenech a fol.135

sahhqu li kien hemm ness bejn l-imputat u dawn it-tnejn minn nies peress illi fit-telefon cellulari elavati mill-pussess tieghu instabu numri tat-telefon li kienu komuni ma' dawn it-tnejn minn nies[2]. L-imputat ghalhekk beda jigi indagat fuq ir-reat tal-*money laundering*.

Illi mill-investigazzjonijiet li saru sussegwentement mill-pulizija u mill-provi li ingiebu quddiem il-Qorti irrizulta illi l-imputat kien wasal Malta fil-gurnata tal-Gimgha 25 ta' Settembru 2009, jum wara l-wasla ta' Martina. Wasal Malta minn Brussels b'biljett *one way* li kien xtara dak in-nhar stess. Huwa mar joqghod gewwa s-San Pawl Hotel f'Bugibba. Meta ipprezenta ruhu f'dina il-lukanda, l-imputat peress illi ma kienx jaf jitkellem bl-Ingliz, ghadda karta miktuba lil sid il-lukanda li kien fiha miktub illi huwa ried kamra ghal lejl wiehed biss.[3] Fil-fatt jidher illi l-ghada fil-ghodu l-imputat mar jixtri biljett iehor *one-way* minn Malta lejn Brussels mill-agenzija ta'l-ivjaggar United Travel Agency gewwa tas-Sliema ghal titjira li kellha titlaq aktar tard dak in-nhar stess.[4] Fil-pussess ta'l-imputat instab mobile phone Motorola li kellu in-numru 99194945 li gie attivat fis-26 ta' Settembru. Ukoll fil-pusess ta'l-imputat instabu xi ATM cards, kif ukoll kopja ta' sentenza moghtija fil-konfront ta'l-imputat mill-qorti f'Bergamo l-Italja li minn stharrig ulterjuri li sar irrizulta illi kienet tikkonsisti f'kundanna kontra l-imputat fuq akkuzi ta' traffikar ta' droga.

Illi l-imputat gie sussegwentement interrogat mill-pulizija bl-assistenza ta' interpretu. Illi meta mistoqsi dwar il-provenjenza tal-flus li kellu fil-pussess tieghu l-imputat iwiegeb illi dawn kienu flus imfaddla mid-dhul tieghu fix-xoghol tat-taxi. Ighid illi huwa ighix gewwa Rotterdam fejn jahdem bhala taxi driver bil-vettura numru JJR98. Ighid illi huwa gie Malta sabiex jixtri id-deheb u kien ghalhekk illi kien gie b'ammont sostanzjali ta' flus fuqu. Mill-istqarrija jirrizulta madanakollu illi l-imputat ftit li xejn jifhem fid-deheb u ighid illi mar jipprova jixtri id-deheb minn hanut wiehed f'Bugibba stess izda rah gholi wisq fil-prezz u

---

[2] In-numri kienu 31684464601, 641281610 u 684159249

[3] Ara xhieda ta' John Bugeja a fol.66

[4] Ara xhieda ta' Annalise Samuel Lapira a fol.86

ghalhekk iddecieda li jitlaq minn Malta u imur lura Brussell fejn kien irhas. Isostni illi huwa kien originarjment mar Brussell biex jixtri id-deheb u minn hemm iddecieda li jigi Malta. Ighid illi xtara l-biljett minn Brussell one way ghax ma kienx jaf kemm kien ser idum Malta. Mistoqsi 'il ghala gab daqshekk flus kontanti mieghu meta kellu erba' ATM cards fil-pussess tieghu iwiegeb illi l-cards mhumiex "safe". Meta mistoqsi rigward is-sentenza tal-qorti ta' Bergamo huwa iwiegeb illi dina kienet tirrigwarda xi akkuzi fuq passaport falz li instab fil-pussess tieghu u li ma kellu xejn x'jaqsam ma' traffikar ta' droga.

Illi minn dina l-istqarrija jirrizultaw diversi inkonsistenzi bejn dak li jghid l-imputat u l-provi li kisbet il-prosekuzzjoni.

1. L-imputat ighid li gie Malta biex jixtri id-deheb biex jinnegozjah meta fil-fatt mill-istess stqarrija tieghu jidher car illi huwa ma jifhem xejn fid-deheb. Inoltre ighid illi ipprova jixtri id-deheb minn hanut wiehed biss f'Bugibba u ma ghamilx iktar stharrig minn hwienet ohra.

2. Ighid illi iddecieda li jigi Malta meta kien Brussels u li ma jafx kemm kien ser idum hawn, meta fil-fatt jirrizulta illi l-biljett ta'l-ajru lejn Malta huwa xtrah minn Rotterdam dak in-nhar stess tat-titjira u li kellu intenzjoni li jibqa' ghal gurnata kif jirrizulta mill-karta li ghadda lis-sur Bugeja tas-San Pawl Hotel fejn tallbu kamra ghal lejl wiehed biss.[5]

3. Jistqarr illi l-flus kienu tieghu, gejjien mid-dhul tieghu fix-xoghol ta' taxi driver. Illi mill-ittri rogatorji esebieti fl-atti jirrizulta illi l-imputat ilu ghal diversi snin dizokkupat u ighix bil-beneficcji socjali, qatt ma hadem f'Rotterdam bhala *taxi driver* u di piu in-numru tat-taxi li jaghti JJR98 fil-fatt ma jezistix.

4. Ighid illi is-sentenza li kellu fil-pussess tieghu mill-Qorti f'Bergamo kienet tirrigwarda akkuzi fuq passaport

[5] Ara ittri rogatorji xhieda ta' Titos Bolivar Urbonu sid l-agenzija ta'l-ivjaggar Tiboli Reizan bl-ufficju gewwa Rotterdam.

falz mentri jirrizulta illi l-imputat kien instab hati dwar traffikar ta’ droga u li kien ghadu kif hareg mill-habs fl-Italja ftit xhur qabel ma gie Malta.

Illi l-Prosekuzzjoni tressaq provi ohra li jindikaw illi l-imputat kien diga instab hati ta’ reati konnessi ma’ traffikar ta’ droga.[6] Tressaq provi ukoll li jindikaw meta u kif l-imputat kien qata il-biljetti lejn Malta kif ukoll lejn Brussels[7]. Provi ohra dwar it-telefonati li saru mill-imputat meta kien Malta u dawk li irceva. L-ittri rogatorji imbaghad jikkonfermaw illi l-imputat huwa bniedem dizokkupat, ighix bil-beneficcji socjali gewwa Rotterdam u qatt ma kien impjegat bhala *taxi driver* bil-vettura numru JJR98 li ma tezistiex.

Illi l-imputat jaghzel illi ma jixhidx fil-kawza u lanqas iressaq provi in difeza.

Illi ghalhekk abbazi ta’ dana kollu dina l-Qorti trid tara jekk tistax issib htija b’mod ewlieni fil-konfront ta’l-imputat dwar akkuzi ta’ *money laundering* a tenur tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## **<u>IL-LIGI</u>**

Illi fil-prosekuzzjoni tar-reat tal-hasil tal-flus jew kif inhu ahjar maghruf il-*money laundering*, irid jigi ippruvat indubbjament u b’mod inekwivoku in-ness bejn ir-reat sottostanti (*the predicate offence*) u cioe’ wiehed mir-reati ikkontemplati fl-Ewwel jew it-Tieni Skeda annessi ma’l-Att, u ir-reat in dizamina. Di fatti fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs John Vella[8] il-Qorti stqarret illi “…hu impellanti u necessarju illi jigi deskritt b’mod inekwivoku n-ness bejn l-attivita kriminali sottostanti u l-allegat *money laundering*.” Madankollu l-artikolu 2(2a) tal-Kapitolu 373 jiddisponi testwalment:

---

[6] Dokumenti AG21, conviction sheet fl-Olanda, AG22, conviction sheet ta’l-Italja.
[7] Ara xhieda ta’ Alphonse Cauchi a fol. 80, Annalise Samuel Lapira a fol. 86 u l-ittri rogatorji a fol.267
[8] Qorti Kriminali 29 ta’ Novembru 1999

***" Persuna tista' tinstab hatja tad-delitt ta' money laundering taht dana l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabilixxi htija fir-rigward ta'l-attivita' kriminali sottostanti, liema attivita' kriminali tista' tigi stabbilita minn prova cirkostanzjali jew prova ohra, minghajr il-htiega li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna ghall-offiza sottostanti."***

Dana ifisser illi ghalkemm l-attivita kriminali sottostanti ma tigix ippruvata, madanakollu jekk il-prosekuzzjoni jirnexxielha tipprova illi s-sors tal-flus gej minn dik l-attivita kriminali allura ir-reat ikun gie ippruvat, u ma ikunx hemm il-htiega ta' prova rigward xi sentenza ta' kundanna in konnessjoni mar-reat sottostanti.

Illi l-process tal-hasil ta' flus jinvolvi diversi stadji. L-awturi jikkunsidraw dawn l-istadji bhala tlieta ewlenien li jissejjhu "*placement, layering u integration*."[9] L-ewwel stadju, hekk imsejjah "*placement*" isehh meta il-flus jigu imnehhija mil-post fejn gew akkwistati illegalment. Ghalhekk l-att li permezz tieghu il-persuna suspettata tipprova tohrog il-flus mill-pajjiz fejn originaw huwa l-ewwel stadju fil-process tal-hasil tal-flus. Wara dana fit-tieni stadju imbaghad il-flus jiehdu xejra ohra jew jinhbew u dana sabiex isir aktar diffícli illi wiehed jirrintraca l-istess, bhal per ezempju meta jigu ikkreati kontijiet bankarji f'isem xi korporazzjoni u il-flus jitpoggew f'dawn il-kontijiet. Fl-ahhar process imbaghad il-flus jigu integrati fis-sistema ekonomika sabiex b'hekk jitqiesu minn issa 'l quddiem li huma legali.

L-Att kontra l-Money Laundering sar parti mil-ligi taghna fit-23 ta' Settembru 1994. Wara dana kien hemm diversi emendi fil-ligi, bl-emendi ewelenin jigu fis-sehh bl-Att XXXI ta'l-2007 u l-Att VI tal-2010. Dawna l-emendi huma sinifikanti fis-sens illi filwaqt illi qabel l-2007 l-persuna suspettata trid ikollha ix-xjenza illi l-flus jew proprjeta tkun gejja minn attivita kriminali, wara l-2007 huwa bizzejjed illi

---

[9] Ara tezi Prosecuting the Offence of Money Laundering in the Maltese Criminal Courts – Clint Tabone (May 2011)

l-persuna suspettata ikollu is-suspett ta’ tali provenjenza kriminuza sabiex tkun tista’ tinstab htija. Inoltre ai fini ta’ prosekuzzjoni tar-reat l-emenda li dahhlet fis-sehh fl-2010 ghal-artikolu 2(2a) ta’l-Att, il-prosekuzjoni mhux biss ma tenhtigiliex tipprova illi kien hemm il-kundanna ghar-reat sottostanti illi lanqas jinhtiegilha tipprova bil-preciz liema hija l-attivita kriminali sottostanti, tali emenda ovvjament ma issibx applikazzjoni fil-kaz in dizamina peress illi l-akkuza tirreferi ghas-sena 2009.

Mela l-ewwel haga illi l-prosekuzjoni jinhtiegilha tipprova f’dana it-tip ta’ reat huwa ix-xjenza jew is-suspett tal-persuna akkuzata rigward il-provenjenza tal-flus. Dana jikkostitwixxi il-*mens rea* ta’ dana ir-reat. Id-differenza bejn dawn iz-zewg kuncetti huwa ovvju fis-sens illi filwaqt illi x-xjenza tista’ tigi determinata b’mod oggettiv madanakollu is-suspett huwa iktar xi haga soggettiva u personali. F’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appell fl-Ingilterra fl-ismijiet *Regina vs Hilda Gondwe Da Silva* il-kelma suspett inghatat is-segwenti tifsira:

**“*The word suspect means that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice*.”**

Sfortunatament il-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni ta’ dak li jammonta ghal suspett u ghalhekk jekk il-prosekuzjoni jirnexxielha tipprova anke illi l-imputat kellu xi suspett illi l-flus ghandhom provenjenza kriminuza allura dina hija sufficjenti. Jispetta imbaghad lill-imputat iressaq provi bil-kuntrarju sabiex jikkonvinci lill-gudikant bl-innocenza tieghu.

Fil-fatt fir-reat tal-hasil tal-flus il-piz tal-prova tinkombi mhux biss fuq il-prosekuzjoni illi tipprova il-htija ta’l-imputat, izda jispetta anke lill-imputat iressaq il-provi in sostenn ta’l-innocenza tieghu. Wiehed jistaqsi allura x’inhu il-piz tal-prova li jinhtigielha tressaq il-prosekuzzjoni f’dana ir-reat. Huwa bizzejjed illi l-prosekuzjoni tipprova illi instabu ammont sostanzjali ta’ flus fil-pussess ta’l-imputat minghajr ma l-imputat jaghti spjegazzjoni valida dwar l-

origini ta’l-istess jew hemm bzonn illi l-prosekuzzjoni tipprova x’kien il-*predicate offence?* Illi dana il-fatt kien suggett ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dana minhabba l-fatt illi l-piz tal-prova qed tintefa fuq il-persuna akkuzata, iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi l-akkuzat ma jigiex mwissi meta ikun qed jigi interrogat illi hemm dana l-piz jinkombi fuqu u li allura irid joqghod attent aktar meta jaghti t-twegibiet tieghu fid-dawl tal-fatt illi l-istqarrija hija prova imbaghad fil-process penali li jinbeda kontra tieghu.

Dana johrog mill-artikolu 3(3) ta’l-Att li jaghmel referenza ghall-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta li jiddisponi testwalment:

***Fi procedimenti ghal reat taht il-paragrafu (a) ta’ dana is-subartikolu, meta l-prosekuzjoni ggib prova li l-imputat jew akkuzat ma jkun ta l-ebda spjegazzjoni li turi li dawk il-flus, proprjeta jew rikavat ma kenux flus, proprjeta, jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provenjenza lecita ta’ dawk il-flus, proprjeta jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkuzata. (sottolinjar tal-Qorti).***

Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Prim’Awla (sede Kostituzzjonali) f’kawza fl-ismijiet Mario u Pierre Camilleri vs Avukat Generali deciza fil-15 ta’ Novembru 2010 inghad:

“**Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-ezistenza ta’ xi reat - “*any criminal offence*” *ai termini* tat-Tieni Skeda ta’ l-Att kontra *Money Laundering*, u dan fuq bazi ta’ “prova cirkostanzjali jew prova ohra”. Fil-kaz in dizamina dan ir-reat hu precizament dak ta’ traffikar ta’ droga u kongura. Dan iwassal ghal li l-Prosekuzzjoni ma kellha ebda htiega li ggib sentenza ta’ htija fil-konfront tar-rikorrenti in konnessjoni mat-traffikar tad-droga jew kongura ghal dan l-iskop.**

… Interessanti wkoll hu l-fatt li l-Kap 319 fit-Tieni Skeda annessa mieghu li tinkludi d-Dikjarazzjonijiet u r-Rizervi tal-Gvern Malti, illi meta accetta li jirratifika l-Konvenzjoni

Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem l-istess Gvern impona riserva fis-sens illi:

***"The Government of Malta declares that it interprets paragraph 2 of Article 6 of the Convention in the sense that it does not preclude any particular law from imposing upon any person charged under such law the burden of proving particular facts."***

L-istess kwalifika tinsab fil-paragrafu 5 ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li jghid hekk:

"(5) Kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati:
Izda ebda haga li hemm fi jew maghmula skond l-awtorità ta' xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-ligi timponi fuq xi persuna akkuzata kif intqal qabel il-piz tal-prova ta' fatti partikolari."

L-artikolu 6.2 jezigi li l-Prosekuzzjoni ggorr l-oneru li tkun hi li finalment trid tikkonvinci lill-Qorti jekk sehhx reat u jekk il-persuna akkuzata kenitx hatja ta' tali reat. Zgur li dan ma jwassalx ghall-fatt li l-imputat ikun qieghed jigi meqjus hati *ab initio*. Dejjem jibqa' l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova fatti konnessi mar-reat ta' *money laundering*. Il-Prosekuzzjoni trid dejjem tipprova ghas-sodisfazzjon tal-qorti aspetti ohra bhal ma huma kondotta refrattarja ta' l-imputat jew li kien konness f'cirku ta' traffikar tad-droga. Jinkombi dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova li s-sitwazzjoni finanzjarja tar-rikorrenti ma kienetx kompatibbli ma' l-ammont ta' flejjes li
kellhom fil-pussess taghhhom. Huwa biss wara li jsir l-ezami mill-gudikant dwar ir-ragjonevolezza o meno tal-provenjenza tal-flus li in segwitu tkun tista' topera din il-prezunzjoni. Hawnhekk ta' min jqis fattur ferm importanti. Hija Qorti li suppost dejjem ghandha l-indipendenza ta' l-agir taghha li trid tiddecidi. Mhux qed nitkellmu dwar xi hadd mill-Ezekuttiv. Ghalhekk huwa necessarju biex tinstab htija li jkun hemm iz-zewg fatturi. Ghandu jkun hemm agir suspettuz segwit bi tranzazzjonijiet ta' flus

f’ammonti li setghu jitqiesu eccessivi. U dan irid jigi konstatat mill-Qorti.

Skond Jacobs [The European Convention on Human Rights] il-presunzjoni tal-innocenza u t-tqeghid tal-oneru tal-prova fuq il-prosekuzzjoni m'humiex l-istess haga. Ukoll gieli l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-akkuzat:

**“*What the principle of presumption of innocence requires here is just that the Court should not be predisposed to find the accused guilty and second that it should at all times give the accused the benefit of the doubt 'in dubio pro reo'*.”**

….Din il-Qorti kif presjeduta trid pero` taghmilha cara li l-qlib ta’ l-oneru tal-prova hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola. Dan hu limitat ghall-kazijiet biss fejn huwa logiku li sta ghall-imputat li jaghmel il-provi hu minhabba li l-prosekuzzjoni ma jista’ qatt ikollha dawk il-provi.”

Il-Qorti ikkonkludiet illi l-obbligu ta’l-imputat illi jaghti spjegazzjoni ragjonevoli tal-provenjenza tal-flus huwa obbligu li ghandu fil-konfront tal-gudikant u mhux fil-konfront tal-prosekuzjoni. U ghalhekk stqarret illi “ tqis il-presunzjoni hija *rebuttable and is not in itself unreasonable,* u … illi x-*shifting* tal-*burden of proof* huwa wiehed legali u jhalli l-*fair balance* rikjest ghall-iskopijiet ta’ guri.”

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet Andrew Ellul Sullivan et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, deciza mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Lulju 2004 inghad:

**“…“Illi kif imfisser f’sentenzi ewlenin moghtija mill-Qorti Ewropeja, il-prezunzjoni tal-innocenza tfisser li l-piz tal-prova jaqa’ generalment fuq il-prosekuzzjoni. Madanakollu, dan ma jfissirx li f’kull kaz il-piz tal-prova jrid ikun biss fuq il-prosekuzzjoni. L-artikoli imsemmija m’humiex kontra li xi ligi tistipula ghal prezunzjonijiet ta’ fatt jew ta’ dritt li jahdmu kontra l-persuna mixlija. Izda huwa mistenni li l-Istat jillimita**

**tali prezunzjonijiet b'mod ragonevoli li jiehu qies tas-siwi ta' dak li l-kaz jinvolvi u tal-jeddijiet tad-difiza xierqa."**

Illi ghalhekk l-imputat kellu kull dritt illi ma jaghti l-ebda risposta meta gie interrogat dwar il-provenjenza tal-flus li kienu fil-pussess tieghu, izda meta imbaghad tressaq quddiem il-Qorti huwa kien obbligat illi jipprova illi l-flus li kienu fil-pussess tieghu kienu legittimi u dana wara illi l-prosekuzjoni tressaq il-provi taghha dwar in-ness bejn l-attivita kriminali sottostanti u l-imputat u l-provi cirkostanzjali kollha dwar il-provenjenza illecita tal-flus u l-konnessjonijiet li l-imputat seta kellu ma'l-attivita kriminali sottostanti.

**PROVI**

Illi mill-provi akkwizti mill-atti il-Prosekuzzjoni tikkontendi illi gie ippruvat in-ness bejn l-imputat u l-attivita ta' traffikar ta' drogi li fih allegatament l-imputat kien involut. Dana abbazi tas-segwenti provi:

1. Illi l-imputat gie intercettat hiereg minn Malta biss wara jum li kien wasal, b'ammont sostanzjali ta' flus fuqu li ma kenux gew iddikjarati minnu. Meta imwaqqaf mill-ufficjali tad-Dwana huwa jigdeb u ighid illi ghandu €6110 fuqu meta fil-fatt kellu 'il fuq minn tmintax-il elf.

2. Illi jum qabel il-wasla ta'l-imputat gewwa Malta kienu gew arrestati tnejn minn nies ukoll mir-Repubblika Domenikana li fuqhom instabet il-kokajina li kellhom in komun ma'l-imputat xi numri tat-telefon.

3. L-imputat diga fil-passat tieghu kellu diversi kundanni f'diversi pajjizi in konnessjoni mat-traffikar tad-droga u anke skonta zmien twil ta' prigunerija fosthom fl-Italja meta gie misjub hati.

4. Illi meta jasal Malta huwa jibbukja karma f'lukanda ghal lejl wiehed biss u l-ghada jixtri il-biljett tieghu ta' ritorn lejn Brussell. Jixtri SIM card tal-Vodafone li minnha jaghmel zewg telefonati fuq numri lokali u anke irceva

telefonata minn numru lokali iehor, izda ma jigix stabbilit lil min jappartjenu dawn in-numri.

5. Illi l-imputat huwa bniedem dizokkupat u ilu ighix ghal zmien twil gewwa Rotterdam fl-Olanda fuq l-assistenza socjali.

6. Meta interrogat, l-imputat ma jaghtix spjegazzjoni plawsibbli ghall-ammont ta’ flus li jinstabu fil-pussess tieghu, fosthom meta ighid li gie Malta biex jixtri d-deheb meta jidher illi ma jifhimx fid-deheb, li ma kienx jaf kemm kien ser idum Malta, meta kien car illi kellu intenzjoni jibqa hawn ghal lejl wiehed biss u fuq kollox jigdeb meta ighid lill-pulizija illi huwa jahdem bhala taxi driver u jaghti numru falz ta’ taxi li ma tezistix.

7. Jigdeb ukoll l-imputat meta ighid illi l-kundanna tieghu gewwa l-Italjan kienet in konnessjoni ma’ akkuzi fuq passaport falz, meta imbaghad jirrizulta illi huwa kien gie misjub hati fuq traffikar ta’ drogi.

Illi min-naha taghha id-difiza tikkontendi illi dawn il-provi ma humiex sufficjenti ghal sejbien tal-htija. Targumenta illi l-fatt illi jum qabel gew arrestati xi nies li l-imputat kellu xi nurmu ta’ telefon in komun ma hux bizzejjed biex jigi stabbilit in-ness rikjest mil-ligi. Lanqas il-fatt illi l-imputat kellu xi flus mohbija ma iwassal ghal xi suspett dwar il-provenjenza tal-flus. Issostni anzi illi l-flus ma instabux mohbija izda kienu fuq il-persuna tal-imputat fil-but tal-qalziet tieghu u ammont iehor fil-bagalja tieghu. Finalment targumenta illi l-istqarrija ta’l-imputat mehuda minghajr assistenza legali u minghajr twissija cara dwar l-inverzjoni tal-provi ma tistax tikkostitwixxi prova kontra l-imputat f’dana il-kaz.

Illi stabbiliti dawn il-fatti, ma hemmx dubbju illi l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova mill-provi cirkostanzjali imressqa minnha illi l-imputat huwa bniedem b’karattru refrattarju, b’fedina penali piuttost voluminuza u li gie misjub hati ta’ traffikar ta’ droga f’iktar minn pajjiz wiehed. Ma hemmx dubju ghalhekk illi l-imputat ilu zmien twil fic-

cirku ta' traffikar ta' droga. Illi mill-provi cirkostanzjali gie ippruvat ukoll illi gurnata qabel li wasal Malta l-imputat gew arrestati zewg persuni ta'l-istess nazzjonalita ta'l-imputat b'ammont ta' kokajina fuqhom li wiehed minnhom sussegwentment tressaq il-Qorti u ammetta ghall-akkuzi migjuba kontrieh. Ma' dawn in-nies jidher illi l-imputat l-uniku haga li instabet in komun bejniehtom kienu tlett numri tat-telefon, li wiehed minnhom huwa ta' mart l-imputat stess. Inoltre gie stabbilit illi l-imputat gie Malta ghal jum wiehed biss u inqabad imbaghad hiereg mill-pajjiz b'ammont sostanzjali ta' flus fuqu li ma gewx iddikjarati minnu. Jidher ukoll illi fil-ftit sighat li ghamel Malta l-imputat kellu kuntatt ma' xi persuna jew persuni lokalment tant illi xtara SIM card lokali u ghamel xi telefonati u anke cempillu xi hadd fuq numru lokali.

Illi ma hemmx dubbju illi f'dana il-kaz, il-Prosekuzzjoni issostni illi l-attivita kriminali sottostanti hija dik tat-traffikar tad-droga. Izda mil-provi tista' dina l-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi n-ness rikjest mil-ligi gie stabbilit? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta'l-imputat. Issa mill-provi prodotti ma jidhirx illi dana n-ness gie stabbilit. Illi huwa minnu illi jum qabel inqabbdu xi persuni ta'l-istess nazzjonalita' ta'l-imputat dehlin Malta bid-droga. Huwa minnu illi fil-pussess ta'l-imputat instabu xi numri tat-telefon in komun ma' dawn in-nies. Fil-fatt in-numri ta' telefon kienu in komun ma' Andrea Margerita biss li ghalkemm kienet qed takkompanja lil Martina, pero' qatt ma tressqet il-Qorti fuq akkuzi ta' droga billi hija stqarret illi ma kellhiex ideja ta' dak li kien qed jghamel Martina u li hija kienet giet Malta ghal btala mieghu. Illi qatt ma gew migjuba provi illi l-imputat kellu numri in komun ma' Martina jew li ikkomunika mieghu. Fil-fatt mix-xhieda ta'l-Ispettur Johann J. Fenech jirrizulta illi l-prova dwar l-kontenut tat-telefon cellulari ta' Martina kienet ghadha ma tressqitx u li kien ghadhom qed isiru l-ezamijiet relattivi fuqu. Izda fl-ebda

stadju ta' dawn il-proceduri ma tressqet dina l-prova quddiem il-Qorti sabiex ikun stabbilit jekk kienx hemm xi ness bejniethom. Illi ma giex stabbilit per ezempju li l-imputat ghamel kuntatt ma' Martina jew ma' Margerita jew li ghal ta'l-inqas ipprova jaghmel kuntatt maghhom. Fil-fatt ghalkemm jirrizulta illi saru xi telefonati lokalment, izda ma jirrizultax lil min cempel l-imputat jew min cempillu. Lanqas ma irrizulta lil min jappartjenu in-numri tat-telefon esteri ghajr ghal dak ta' mart l-imputat, li mill-ittri rogatorji esebieti ma jidhirx illi hija kellha xi konnessjoni mat-traffikar tad-droga. Kif lanqas ma jirrizulta jekk l-imputat iltaqa' ma' xi persuna waqt li kien gewwa Malta. Illi mill-investigazzjoni li saret mill-Iskwadra kontra id-Droga fil-konfront ta' Martina ma jidhirx illi gie stabbilit li kien hemm xi kuntatt bejn l-imputat u dina il-persuna jew li kien hemm xi suspett illi seta kien hemm xi konnessjoni bejniethom. L-imputat min-naha tieghu jichad illi huwa jaf lil dawn it-tnejn minn nies.

Kwindi dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni b'certezza illi l-flus li instabu fil-pussess ta'l-imputat kienu ir-rikavat ta' negozju fuq droga. Illi dina hija biss ipotesi u mhux certezza. Fuq kollox l-imputat seta kiseb dawna l-flus minn xi attivita kriminali ohra jew inkella minn xi sors legittimu u dana ghaliex ma hemmx bizzejjed provi fl-atti biex jistabbilixxi xi ness ma' xi haga.

Huwa minnu illi l-imputat ghandu karattru refrattarju b'fedina penali dwar akkuzi fuq traffikar ta' droga f'diversi pajjizi. Izda wiehed jistaqsi jekk fil-kamp penali humiex bizzejjed dawn il-fatti sabiex jigi stabbilit ness bejn l-offiza ta' traffikar tad-droga u il-flus li instabu fil-pussess ta'l-imputat. Illi huwa minnu wkoll illi l-imputat ma jaghtix spjegazzjoni plawsibbli ghar-rigward tal-provenjenza tal-flus u illi huwa jigdeb meta jigi interrogat ghar-rigward tal-provenjenza ta'l-istess u ghar-rigward tar-raguni 'il ghala huwa kien gie Malta, izda l-imputat ma kellu l-ebda obbligu jaghti spjegazzjoni f'dak l-istadju izda biss quddiem il-Qorti huwa kien obbligat jipprova il-provenjenza legittima tal-flus u dana biss wara li jigi stabbilit mill-prosekuzzjoni in-ness bejn l-attivita tat-

traffikar u l-imputat, haga li bir-rispett kollu lejn l-abbli prosekuzzjoni ma saritx f'dana il-kaz

Illi kif inghad fis-sentenza hawn fuq iccitata l-Pulizija vs John Vella:

**"Mhux kull akkwist, mhux kull konverzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta', mhux kull habi jew wiri ta' prorpjeta' necessarjament jammonta ghall-money laundering, anki jekk l-akkuzat ikun kriminal inkallit. (sottolinjar tal-Qorti). Din hi ligi straordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana w li tirrikjedi applikazzjoni bl-akbar skruplu w attenzjoni biex ma tigix reza fi strument ta' ingustizzja, iktar reminixxenti taz-zmenijiet tal-inkwizizzjoni minn dawk tal-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem."**

Illi ghaldaqstant abbazi ta' dawn il-provi il-Qorti hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi in-ness bejn l-offiza sottostanti u cioe' it-traffikar tad-droga u l-imputat.

**<u>L-akkuza taht Ir-Regolamenti ta'l-2007 dwar il-Kontroll ta' Flus.</u>**

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat illi kiser il-provvedimenti tar-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus meta kien ser johorg minn Malta b'ammont ta' flus li jeccedi l-€10000 u li ma gewx iddikjarati minnu skond il-ligi. Fil-fatt ir-Regolament 3 jiddisponi testwalment:

**3. (1) Kull persuna diehla jew hierga minn Malta, jew li tkun ghaddejja fi transitu minn Malta u li tkun qieghda iggorr somma ekwivalenti ghal €10000 jew izjed fi flus ghandha l-obbligu li tiddikjara dik is-somma lill-Kontrullur.**

Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat kien inqabad hiereg minn Malta fuq titjira lejn Brussell bl-ammont ta' €18120. Dawn il-flus ma gewx iddikjarati. Fil-fatt meta imwaqqaf mill-Ufficjali tad-Dwana l-imputat isostni illi huwa ghandu

biss l-ammont ta' €6110. Kwindi l-amont ta' €8120 ma gewx iddikjarati mill-imputat. Fuq dana ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni mid-difiza.

Id-difiza madanakollu targumenta illi meta Malta iffirmat it-Trattat tal-Unjoni Ewropeja hija kellha tqoghod ghal dak kollu indikat fl-istess trattat li fosthom fl-artikoli 56 sa 60 jitkellmu dwar "*the freedom of capital movements*" fejn l-artikolu 56 jiddisponi testwalment:

Article **56** EC (ex Article **73b**)

*"1. Within the framework of the provisions set out in this Chapter, all restrictions on the movement of capital between Member States and between Member States and third countries shall be prohibited.*

*2. Within the framework of the provisions set out in this Chapter, all restrictions on payments between Member States and between Member States and third countries shall be prohibited."*

Dana ifisser, targumenta id-difiza, illi ir-Regolamenti li tahthom jinsab akkuzat l-imputat imorru kontra ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja u ghalhekk ma ghandhomx isibu applikazzjoni fil-ligi lokali. L-ghan tal-Unjoni Erwopeja huwa illi ikun hemm suq wiehed komuni fejn allura ma ghandhomx japplikaw l-ebda restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-flus u il-kapital bejn l-istati membri. Id-difiza isostni illi l-ghan tar-regolamenti kien biss sabiex ma titnehhiex l-*exchange control* li qabel kienet tezisti f'pajjizna u li kellha titnehha minhabba dak dispost fit-Trattat, u li kwindi il-legislatur inkorporaha f'dawn ir-regolamenti taht titolu differenti.

Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma dina l-linja difenzjonali. Illi jekk wiehed ihares lejn dak li jiddisponi l-artikolu 58 tat-Trattat isib illi dana jaqra:

- **Article 58 EC (ex Article 73d)**

***"1. The provisions of Article 56 shall be without prejudice to the right of Member States:***

***(a) to apply the relevant provisions of their tax law which distinguish between taxpayers who are not in the same situation with regard to their place of residence or with regard to the place where their capital is invested;***

***(b) to take all requisite measures to prevent infringements of national law and regulations, in particular in the field of taxation and the prudential supervision of financial institutions, or to lay down procedures for the declaration of capital movements for purposes of administrative or statistical information, or to take measures which are justified on grounds of public policy or public security.***

***2. The provisions of this Chapter shall be without prejudice to the applicability of restrictions on the right of establishment which are compatible with this Treaty.***

***3. The measures and procedures referred to in paragraphs 1 and 2 shall not constitute a means of arbitrary discrimination or a disguised restriction on the free movement of capital and payments as defined in Article 56."***

Illi ghaldaqstant kull stat membru ghandu id-dritt illi ighaddi l-ligijiet kollha necessarji sabiex sahansitra tissalvagwardja is-sigurta pubblika, liema ligijeit madanakollu ma ghandhomx iservu ta' restrizzjoni ghal moviment hieles tal-kapital. Illi ir-regolamenti in dizamina ma ghandhomx bhala skop taghhom illi izommu il-persuna milli johorg minn pajjizna ammont ta' flus li jeccedi l-€10000 jew li il-persuna tigi intaxxata fuq dana l-ammont, izda biss timponi obbligazzjoni illi issir dikjarazzjoni f'dana ir-rigward.

Illi fil-fatt fl-artikolu 7 u 8 tal-Kapitolu 233 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad:

**"Il-Ministru jista' b'regolamenti jehtieg persuna tiddikjara lill-Kontrollur tad-Dwana meta dik il-persuna tkun importat jew esportat biljetti tal-flus u muniti li jkollhom l-euro bhala d-denominazzjoni taghhom u, jew f 'muniti barranin, u, jew munita barranija, u, jew strumenti monetraji u jew metalli prezzjuzi u jew, hagar prezzjuz gewwa jew minn Malta f'dawk l-ammonti skond ma jista' jkun speifikat f'regolamenti u li tizvela kull informazzjoni ohra bhal dik skond ma jista' jigi preskritt f'regolamenti dwar kull importazzjoni u esportazzjoni bhal dawk.**

**Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, il-Ministru jista' wara konsultazzjoni mal-Bank Centrali u l-Ufficju Nazzjonali ta'l-Istatistika b'regolamenti li jkunu jehtiegu lil xi persuna f'dak iz-zmien u b'dak il-mod skond ma jista' jigi ordnat li jaghti lill-Minstru, jaghti dik l-informazzjoni, prospett jew dettall iehor li jkolu x'jaqsam ma' transazzjonijiet esterni skond ma jista' jinhtieg li jigbor, jikkompila u jxerred informazzjoni statistika dwar transazzjonijiet esterni**."

Illi ghalhekk l-ghan tal-ligi jaqa' taht dak dispost fl-artikolu 58 tat-Trattat.

Illi kwindi l-Qorti ser tiskarta dina l-linja difenzjonali u ser issib htija ghar-rigward ta' dina l-akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 233.07, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u cioe' l-akkuza dwar il-*money laundering*, issibu hati tat-tieni akkuza, tikkundannah ihallas multa ta' erbat elef hames mija u tletin ewro (€4530).

Inoltre il-Qorti tordna il-konfiska tas-somma ta' tmint elef mija u ghoxrin ewro (€8120) favur il-Gvern ta' Malta. Ghaldaqstant tordna illi multa inflitta illum fuq l-imputat ghandha titnaqqas direttament mir-rimanenti ammont ta'

€10,000 li jinsabu depozitati taht l-Awtorita tal-Qorti u il-bilanc rimanenti ta’ hamest elef erba’ mija u sebghin ewro ghandu (€5470) jigu rilaxxjat favur l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------